

Brussell, 7 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

9545/21

ENFOPOL 218  
JAI 681  
CT 77  
PROCIV 68

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                                  |                                                                                                                                 |
|----------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                |
| fi:                              | 7 ta' Ġunju 2021                                                                                                                |
| lil:                             | Delegazzjonijiet                                                                                                                |
| Nru. dok. preċ.: 8663/21 + COR 1 |                                                                                                                                 |
| Suġġett:                         | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi<br>– <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Ġunju 2021)</i> |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3799 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Ġunju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi**

1. FILWAQT LI JINNOTA li r-reżiljenza jenħtiegħ li tibda bil-protezzjoni tal-valuri demokratiċi, l-istituzzjonijiet u l-istil ta' ħajja Ewropej u trid tinkludi s-soċjetà kollha,
2. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' għajxien fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja liċ-ċittadini, billi tiżviluppa azzjoni komuni fost l-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija kif stabbilit taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
3. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-attakki terroristiċi reċenti mwettqa fl-ispazji pubbliċi madwar l-UE ssottolinjaw il-ħtiegħa li jissaħħu l-isforzi biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi,
4. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA x-xenarju ta' theddid li qed jevolvi u l-ħtiegħa li jiġu evitati u protetti l-komunitajiet lokali kontra attakki terroristiċi li għandhom l-intenzjoni li jikkawżaw instabbiltà u biża' fis-soċjetajiet miftuħa tagħna,
5. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-fatt li ż-żieda fit-terroriżmu kkawżata mill-estremiżmu vjolenti, irrispettivament mill-motivazzjoni ideoloġika tiegħu hija tħassib li qed jikber rigward l-ispazji pubbliċi u b'mod partikolari l-postijiet ta' qima,
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-ispazji pubbliċi min-natura tagħhom huma perċepiti bħala vulnerabbli għal atti ostili u illegali li jfittxu li jdgħajfu s-sigurtà u l-libertà ta' moviment li jiffurmaw l-Unjoni u li huma ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tagħha,
7. FILWAQT LI JIRRIMARKA li minħabba l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali tagħna, l-użu mifrux tal-internet, in-networks bla fili u l-komunikazzjonijiet tal-mobiles, il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi għandha wkoll dimensjoni ta' ċibersigurtà,

8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, minħabba l-propaganda u l-kopertura tagħhom, kemm fil-media prinċipali kif ukoll fil-media soċjali, jimplifikaw is-sentiment ta' nuqqas ta' sigurtà u jikkontribwixxu għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, filwaqt li jdgħajfu l-valuri ewlenin tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li xi spazji pubbliċi u avvenimenti ewlenin, eż. postijiet ta' qima, stazzjonijiet ferrovjarji, parks pubbliċi, żoni tan-negozju, siti turistiċi, universitajiet u skejjel, avvenimenti sportivi u kulturali ewlenin, ġemgħat tal-massa u dimostrazzjonijiet jeħtieġu protezzjoni adegwata, minħabba n-natura, il-vulnerabbiltà u s-sinifikat soċjali tagħhom u t-tbeddida u l-impatt potenzjali ta' attakk ,
10. FILWAQT LI JFAKKAR li wħud mill-modi operandi tal-attakki terroristiċi mwettqa fl-Ewropa u f'kuntesti internazzjonali oħra jinkludu mhux biss l-użu ta' armi tan-nar u splussivi, iżda wkoll armi b'teknoloġija baxxa disponibbli faċilment bħal armi bjanki u vetturi , b'mod partikolari vetturi tal-kiri jew misruqa, sabiex jikkawżaw ħsara direttament u jipperikolaw il-ħajja taċ-ċittadini,
11. FILWAQT LI JINNOTA li l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi għandha tkun ibbażata fuq approċċ olistiku u orizzontali, li jgħaqqad l-UE u l-istrateġiji nazzjonali u lokali rilevanti, kif ukoll sħubiji pubbliċi-privati,
12. FILWAQT LI JILQA' l-Aġenda Kontra t-Terroriżmu għall-UE tal-Kummissjoni adottata fid-9 ta' Diċembru 2020, li tidentifika azzjonijiet ewlenin li għadhom għaddejjin jew li għandhom jittieħdu fil-livell tal-UE fir-rigward tat-titjib tal-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi,
13. FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi għandhom rwol fundamentali fil-prevenzjoni ta' attakki terroristiċi, kif ukoll fis-sigurtà u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, jiġifieri permezz ta' kooperazzjoni u sħubiji ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħal municiċipalitajiet lokali, universitajiet, operatori privati u komunitajiet lokali,
14. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transkonfinali kemm fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fl-identifikazzjoni ta' Prattiki tajbin li l-operatori tal-ispazji pubbliċi jistgħu jimplimentaw, bħal miżuri ta' sigurtà meħuda matul avvenimenti sportivi ewlenin, f'faċilitajiet tat-trasport pubbliku, f'żoni pubbliċi ta' ajruporti internazzjonali u f'siti turistiċi,

15. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-importanza ta' teknoloġiji ġodda fil-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, jiġifieri fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' theddid u l-analiżi ta' settijiet kbar ta' data filwaqt li jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini.

## II-KUNSILL

16. JINKORAĠĠIXXI lill-KUMMISSJONI biex tkompli bl-isforzi li saru fit-tnedija u l-finanzjament ta' inizjattivi, bħall-Forum tal-UE għall-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi, programmi ta' taħriġ u proġetti taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna u Orizzont Ewropa, u biex tkompli timplimenta programmi bbażati fuq rieżami esperta volontarja bejn il-pari, u JISTIEDEN lill-KUMMISSJONI biex tesplora aktar opportunitajiet biex tappoġġa proġetti u inizjattivi għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi u r-reżiljenza tal-komunità, jiġifieri permezz tal-azzjonijiet ippreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2017 għall-Appoġġ tal-Protezzjoni tal-Ispazji Pubbliċi u l-prijoritajiet identifikati fl-Aġenda Kontra t-Terroriżmu għall-UE 2020,
17. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-reżiljenza, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet protettivi u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-assistenza fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-ISTATI MEMBRI, fil-qafas legali applikabbli, bl-appoġġ tal-EUROPOL u n-network ATLAS fir-rispons għal attakki terroristiċi u emerġenzi kumplessi, bil-ħsieb li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi, permezz tal-kondiviżjoni ta' tagħmir, teknoloġija, unitajiet speċjali tal-pulizija, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ tekniku u għarfien espert. F'konformità ma' dan l-għan, JISSUĠĠERIXXI t-tisħiħ tal-kapaċità tal-persuni tal-ewwel rispons biex jidentifikaw imġiba u oġġetti suspettużi meta jittrattaw sitwazzjonijiet ta' kriżi,
18. JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kunċetti ta' sigurtà sa mit-tfassil fl-ispazji pubbliċi,
19. JIRRAKKOMANDA li s-CEPOL u n-networks tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari dawk involuti fil-forum tal-prattikanti tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi (EUCPN, ATLAS, AIRPOL, RAILPOL, AQUAPOL, ENLETS, Network ta' Sigurtà ta' Riskju Għoli tal-UE), iqisu l-oġġettivi strateġiċi relatati mal-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi fil-programmi ta' taħriġ u ta' ħidma tagħhom sabiex itejbu l-koerenza u s-sinerġiji,

20. JENFASIZZA l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp fil-livell tal-ISTATI MEMBRI u tal-UE, inkluż inizzjattivi futuri taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna biex jiġu żviluppati għodod għall-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi.
21. IĦEĠĠEĠ LILL-EUROPOL, f'konformità mal-mandat legali tagħha u b'kont meħud tal-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-prijoritajiet bejn l-ISTATI MEMBRI u l-Laboratorju tal-Innovazzjoni, biex tkompli tesplora teknoloġiji diġitali u kontromiżuri li għandhom jiġu implimentati kontra attakki terroristiċi fl-ispazji pubbliċi, għall-benefiċċju tal-ISTATI MEMBRI u ċ-ċittadini Ewropej kollha. L-enfasi ta' din ir-riċerka tista' tkun diretta lejn l-iżvilupp ta' tekniki ta' detezzjoni ta' splussivi, il-protezzjoni kontra vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, iċ-ċiberkriminalità serja u l-intelliġenza artifiċjali fl-ipproċessar ta' settijiet kbar ta' data, u f'konformità sħiħa mar-regolamenti u l-istandards rispettivi dwar il-protezzjoni tad-data. Minbarra l-kondiviżjoni rapida u utli tal-informazzjoni operazzjonali mal-ISTATI MEMBRI, ir-riżultati għandhom jiġu kondiviżi kontinwament fil-forma ta' rapporti annwali u bl-implimentazzjoni ta' manwali dwar il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi b'informazzjoni aġġornata u rakkomandazzjonijiet lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-ISTATI MEMBRI,
22. JIRRAKKOMANDA li l-EUROPOL, l-ENISA, l-EU-LISA, u atturi tal-UE rilevanti oħra, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, jipprovdu appoġġ lill-ISTATI MEMBRI fir-rigward tal-prevenzjoni ta' ċiberkriminalità serja u s-sabotaġġ ta' sistemi ta' tidwil pubbliku, komunikazzjonijiet mobbli, sistemi ta' sorveljanza bil-vidjo f'sistemi pubbliċi u sistemi oħra li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tal-ispazji pubbliċi,
23. JENFASIZZA l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp fil-Laboratorju tal-Innovazzjoni tal-EUROPOL u aġenziji oħra tal-UE biex jiġu żviluppati protezzjoni u kontromiżuri kontra vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAV) u l-użu kkombinat tagħhom ma' armi tan-nar u splussivi, u JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jappoġġaw il-Programm Ewropew tal-Kummissjoni għall-ittestjar kontra l-UAS u l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajba,

24. JIRRAKKOMANDA li s-CEPOL tkompli tappoġġa l-programmi ta' taħriġ tal-UE dwar l-infurzar tal-liġi dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi u miri faċli, il-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, is-sigurtà tal-avvenimenti ewlenin, id-detezzjoni tal-imġiba, it-theddid minn ġewwa, is-sejbien ta' CBRN/splussivi, il-kontromiżuri u l-protezzjoni kontra l-UAV u tiraturi attivi,
25. JENFASIZZA l-ħtieġa li L-ISTATI MEMBRI jaħdmu lejn, u fejn fattibbli, jimplimentaw u/jew isaħħu strateġiji nazzjonali kif ukoll reġjonali u lokali għal reżiljenza akbar tal-komunitajiet lokali u tal-ispazji pubbliċi,
26. JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI biex jiżviluppaw, jinvolve ruħhom u jipparteċipaw b'mod attiv f'proġetti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi u postijiet iffullati, li joħolqu sinerġiji fost il-partijiet ikkonċernati internazzjonali u nazzjonali, bħall-awtoritajiet reġjonali/lokali, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, id-ditti privati tas-sigurtà, in-negozji privati u oħrajn, bil-għan li jikkooperaw u jaqsmu l-għarfien li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskji u t-titjib tal-użu ta' teknoloġiji intelliġenti u sikuri biex jipproteġu l-ispazji pubbliċi,
27. JENFASIZZA l-importanza ta' komunikazzjoni operazzjonali sikura u interoperabbli tal-UE għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u prattikanti oħra tas-sigurtà biex ikunu jistgħu jipproteġu u jirreaġixxu b'mod xieraq f'każ ta' kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tal-ispazji pubbliċi u avvenimenti kbar, u JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex ikomplu jappoġġaw l-inizjattivi tal-UE li għandhom l-għan li jtejbu s-sistemi eżistenti u s-sistemi ta' komunikazzjoni interoperabbli madwar l-UE għas-sigurtà pubblika, b'mod partikolari l-proġett BroadWay ta' Orizzont 2020,
28. JIRRAKKOMANDA li L-ISTATI MEMBRI jeżaminaw l-oqfsa legali nazzjonali tagħhom bil-ħsieb li jirrestrinġu l-ġarr mhux leġittimu ta' armi bjanki fl-ispazji pubbliċi u avvenimenti maġġuri, kif ukoll jikkunsidraw l-iżvilupp ta' miżuri ta' protezzjoni speċifiċi fir-rigward ta' postijiet ta' qima, u JISTIEDEN lill-KUMMISSJONI biex teżamina l-opzjonijiet eżistenti u inizjattivi futuri potenzjali biex tkompli tissaħħaħ il-protezzjoni fil-livell tal-UE,

29. JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI biex ikomplu jistudjaw u janalizzaw il-gwida u l-għodod tas-sigurtà għall-operaturi tal-vetturi tal-kiri biex jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskju ta' attacchi bil-vetturi fl-ispazji pubbliċi u JISTIEDEN lill-KUMMISSJONI biex tesplora opzjonijiet għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt tal-attakki bil-vetturi fil-livell tal-UE,
30. JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jiskrinjaw il-leġislazzjoni nazzjonali u r-regolamentazzjoni lokali tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li jkun fihom dispożizzjonijiet ċari fir-rigward tar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet amministrattivi għal dawk li jippjanaw u jiġġestixxu s-sigurtà tal-ispazji pubbliċi, u JINNOTA l-għan tal-KUMMISSJONI li tesplora opzjonijiet għall-istabbiliment ta' obbligi minimi għall-operaturi tal-ispazji pubbliċi.
31. JAGĦTI PARIR LILL-ISTATI MEMBRI biex ikomplu jippjanaw u jorganizzaw eżerċizzji prattiċi u taħriġ konġunt bejn l-awtoritajiet lokali, l-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni ċivili, l-emerġenza medika, in-negozji privati, id-ditti privati tas-sigurtà u partijiet ikkonċernati oħra sabiex itejbu t-tħejjija u r-rispons tal-infurzar tal-liġi u tal-komunità tal-ewwel rispons,
32. JENFASIZZA li L-ISTATI MEMBRI għandhom jipprovdu l-għodod adatti inkluż gwida eżistenti tal-UE għall-awtoritajiet lokali biex iwettqu valutazzjoni solida tar-riskju u l-vulnerabbiltà, kif ukoll gwida dwar miżuri protettivi, u networks tal-UE u fora nazzjonali għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-aħjar prattiki fost dawk l-awtoritajiet,
33. JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex iqajmu kuxjenza fost il-bliet dwar inizjattivi u fora eżistenti tal-UE li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' prattiki tajba u jappoġġjaw proġetti mmexxija mil-livell lokali, u JISTIEDEN lill-KUMMISSJONI biex tniedi l-Impenn tal-UE dwar is-Sigurtà Urbana u r-Reżiljenza mħabbar fl-Aġenda Kontra t-Terroriżmu għall-UE tal-2020,
34. JINKORAĠĠIXXI LILL-ISTATI MEMBRI biex jinkorporaw tekniki tal-prevenzjoni tal-kriminalità permezz tal-ippjanar tal-ambjent (CPTED) fil-livell lokali u permezz ta' sħubiji u proġetti pubbliċi-privati, bħala mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, jiġifieri l-prevenzjoni tar-"ramming" tal-vetturi, l-isplużjonijiet, is-CBRN, l-apparati inċendjarji improvizzati, it-tiraturi attivi u modi operandi oħra fi spazji bħall-istazzjonijiet tal-ferrovija u l-istazzjonijiet tal-ferrovija ta' taħt l-art, iż-żoni pubbliċi tal-ajruporti internazzjonali, il-postijiet ta' qima, iż-żoni tan-negozju, l-attrazzjonijiet turistiċi (pereżempju l-monumenti u l-mużewijiet), l-universitajiet u l-iskejjel u spazji oħra fejn tista' tindika l-valutazzjoni tar-riskju.